ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 91

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

**Volum 54**

**23 ta' Marzu 2011**

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2011/C 91/01 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Marzu 2011 dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (CON/2011/17) ........ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 91/02 Rata tal-kambju tal-euro ........ 12

2011/C 91/03 Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro intenzjonati għaċ-ċirkulazzjoni ........ 13

MT

**Prezz:**
**EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2011/C 91/04 Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni .................. 14

V *Avviżi*

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 91/05 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ........................................................................ 15

MT

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-3 ta' Marzu 2011**

**dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu**

**(CON/2011/17)**

(2011/C 91/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-13 ta' Ottubru 2010 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu [1] (iktar 'il quddiem ir-"regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea peress li r-regolament propost tinkludi dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kontribuzzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) għat-tmexxija mingħajr xkiel ta' politiki relatati mal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 127(5) tat-Trattat. B'mod konformi mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### Osservazzjonijiet ġenerali

1. Il-BĊE jilqa' l-għan ewlieni tar-regolament propost, li huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju għall-Unjoni li jkopri l-bejgħ bin-nieqes u prattiki ekwivalenti bbażati fuq l-użu ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (CDSs). Il-BĊE jinnota li r-regolament propost jinkorpora ħafna mir-rakkomandazzjonijiet li saru fil-kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010 għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar il-bejgħ bin-nieqes [2]. Il-kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010 rrikonoxxiet li l-bejgħ bin-nieqes jista', f'kundizzjonijiet normali tas-suq, jikkontribwixxi għal prezzar effiċjenti ta' strumenti nnegozjati u għażżamma ta' likwidità fis-suq; madankollu, indikat ukoll tħassib dwar ir-riskji assoċjati mal-bejgħ bin-nieqes, bħar-riskju ta' żviluppi diżordinati fis-suq, abbuż tas-suq u nuqqas ta' saldu [3]. Il-BĊE ġeneralment jappoġġja r-reġim regolatorju tal-Unjoni mfassal biex jiġi indirizzat dan it-tħassib, li jikkonsisti fir-regolament propost u l-emendi għad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) [4] li bħalissa qegħdin jiġu kkunsidrati [5]. Tali reġim uniformi tal-Unjoni huwa neċessarju għall-integrazzjoni tas-suq

(1) KUMM(2010) 482 finali.
(2) Ara "Commission public consultation on short selling — Eurosystem reply", 5 ta' Awwissu 2010 (iktar 'il quddiem il-"kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010"), disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE fuq http://www.ecb.europa.eu
(3) Ara l-kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010, risposta għad-domanda 1, pġ. 2.
(4) ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16.
(5) Ara l-Kummissjoni, "Konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq", 25 ta' Ġunju 2010, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni fuq http://www.ec.europa.eu

finanzjarju fl-Unjoni, waqt li għandu jrawwem ukoll konverġenza mar-regoli adottati f'ċentri finanzjarji ewlenin oħrajn, bħall-Istati Uniti ([1]). Il-BĊE ser jagħmel kummenti dettaljati dwar l-emendi għad-Direttiva 2003/6/KE meta jiġi kkonsultat dwarhom fil-ħin propizju.

2. B'mod konformi mal-kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010 ([2]), il-BĊE jilqa': (a) ir-reġim ta' trasparenza għall-bejgħ bin-nieqes ta' ishma skont il-mudell fuq żewġ livelli oriġinarjament irrikkmandat mill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli ([3]); u (b) l-iżvelar obbligatorju lil awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-pożizzjonijiet netti sinifikanti bin-nieqes relatati ma' emittenti ta' dejn sovran fl-Unjoni jew ta' pożizzjonijiet ekwivalenti mhux koperti fi swaps ta' inadempjenza tal-kreditu ([4]). Il-BĊE jappoġġja rekwiżiti li jindirizzaw ir-riskju ta' nuqqas ta' saldu kkawżati minn bejgħ bin-nieqes mhux kopert ([5]), skont liema l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi m'għandhomx jitħallew jidħlu għal bejgħ bin-nieqes ħlief jekk ikunu ssellfu sehem jew strument ta' dejn barrani, ikunu daħlu fi ftehim biex jissellfu, jew ikunu kapaċi jissellfu fil-ħin tas-saldu fuq il-bażi ta' arranġament ikkonfermat. Barra min dan il-BĊE jilqa' l-proposti li taħthom: (a) l-awtoritajiet kompetenti ser jingħataw poteri armonizzati biex jimponu restrizzjonijiet temporanji fuq bejgħ bin-nieqes u tranżazzjonijiet CDS f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, taħt il-koordinazzjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) ([6]); u (b) poteri ta' intervent speċifiċi ser jingħataw lill-AETS stess, fejn ikun hemm theddida għall-iffunzjonar b'ordni u l-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni ([7]).

3. Il-BĊE jinnota li bosta inizjattivi regolatorji tal-Unjoni, inkluż ir-regolament propost dwar l-ikklerjar minn kontroparti ċentrali u r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([8]) kif ukoll ir-reviżjoni tad-Direttiva 2004/39/KE dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji ('MiFID') ([9]), għandhom l-għan li jżidu r-rekwiżiti ta' żvelar fir-rigward tad-diversi tipi ta' assi u entitajiet li jirrapportaw. Il-BĊE jilqa' din id-direzzjoni ġenerali, kemm-il darba tingħata attenzjoni b'reqqa sabiex tiġi żgurata konsistenza u jiġu evitati sovra-pożizzjonijiet jew diskrepanzi. L-Eurosistema għandha interess qawwi f'dan il-qasam li huwa bbażat fuq il-funzjonijiet statistiċi u ta' stabbiltà finanzjarja tagħha u ser issegwi l-progress ta' din il-ħidma b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

**Osservazzjonijiet speċifiċi**

*Ambitu*

4. Il-BĊE jirrikkmanda ([10]) li l-istrumenti ta' dejn barrani koperti mir-regolament propost jiġu ddefiniti bħala dawk li jinħarġu jew jiġu ggarantiti mill-entitajiet li jappartjenu għas-settur pubbliku tal-Istati Membri jew tal-Unjoni, fejn id-definizzjoni applikabbli tas-"settur pubbliku" għandha tkun dik diġà preżenti fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni ([11]). Tali teknika leġiżlattiva jkollha l-benefiċċju li teskludi kwalunkwe distakki mhux intenzjonati, waqt li jiġi żgurat ukoll li l-istrumenti ta' dejn maħruġa mill-banek ċentrali tas-SEBĊ bħala parti mill-implimentazzjoni tal-politika monetarja ma jiġux ikklassifikati bħala strumenti ta' dejn barrani, li jmur kontra l-projbizzjoni tal-finanzjament tas-settur pubbliku li tinsab fl-Artikolu 123 tat-Trattat.

([1]) Ara l-kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010, risposta għad-domanda 3, p. 4.
([2]) Ara l-kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010, l-aħħar paragrafu tas-sezzjoni introduttorja, p. 2, u r-risposti għad-domandi 4-5 u d-domanda 6, p. 4 sa 5.
([3]) Huwa meħtieġ li jiġu żvelati l-pożizzjonijiet netti bin-nieqes lir-regolaturi u lis-suq f'żewġ livelli limitu differenti, bil-livell ta' żvelar lir-regolaturi jkun l-aktar baxx mit-tnejn (ara l-Artikoli 5 u 7 tar-regolament propost).
([4]) Ara l-Artikolu 8 tar-regolament propost.
([5]) Ara l-Artikoli 12-13 tar-regolament propost.
([6]) Ara l-Artikoli 16-23 tar-regolament propost.
([7]) Ara l-Artikoli 24 tar-regolament propost.
([8]) Proposta għal regolament dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet, KUMM(010) 484 finali.
([9]) Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).
([10]) Ara l-emenda proposta 5 fl-Anness għal din l-opinjoni.
([11]) Ara l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3603/93 tat-13 Diċembru 1993 li jistabbilixxi d-definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet previsti fl-Artikoli 104 u 104b (1) tat-Trattat; (ĠU L 332, 31.12.1993, p. 1).

5. Ċerti attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq u attivitajiet tas-suq primarju huma eżenti mir-reġim ta' trasparenza u interventi regolatorji previst mir-regolament propost ([1]). Din l-eżenzjoni hija ġġustifikata peress illi, *inter alia*, il-funzjonament bla xkiel ta' attivitajiet li jiġġeneraw is-suq huwa kruċjali għal ħafna klassijiet ta' assi, inkluż strumenti ta' dejn maħruġin mill-entitajiet li jappartjenu għas-settur pubbliku tal-Istati Membri, biex jibqgħu likwidi u disponibbli bħala kollateral f'operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-banek ċentrali. Mill-banda l-oħra, abbużi potenzjali tal-eżenzjoni tal-ġenerazzjoni tas-suq għandhom jiġu evitati, partikolarment billi jiġi żgurat li n-negozju proprjetarju ta' ġeneratur tas-suq ma jibbenefikax minn din l-eżenzjoni ([2]). Il-BĊE jirrikkomanda ([3]) li jiġu ddelegati poteri lill-Kummissjoni sabiex tadotta standards tekniċi rilevanti, fuq il-bażi ta' proposta mill-AETS li jibbilanżaw adegwatament il-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq. Tali standards tekniċi jistgħu jikkunsidraw: (a) karatteristiċi dettaljati tal-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq li jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni; (b) proċeduri ta' rapportaġġ sabiex tiġi żvelata l-attività ta' ġenerazzjoni tas-suq lill-awtoritajiet kompetenti; u (ċ) strutturi ta' portafoll u proċeduri ta' kontabilità li għandhom jintużaw minn ġeneraturi tas-suq bilgħan li jiġi identifikat b'mod ċar il-karattru ta' tranżazzjoni jew bħala ġenerazzjoni ta' suq jew bħala tip ta' tranżazzjoni oħra, u li jeskludi li t-tranżazzjonijiet jerġgħu jiddaħħlu fil-kontijiet mingħajr notifika lill-awtorità kompetenti.

6. Eżenzjoni oħra mir-reġim regolatorju stabbilita taħt ir-regolament propost tirrigwarda attivitajiet li jappoġġjaw l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet matul l-offerta ta' titoli għal perjodu ta' żmien limitat jekk jaqgħu taħt pressjoni ta' bejgħ ([4]). Kif ġie nnotat fil-kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010 ([5]), il-BĊE jaqbel mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-iskemi ta' stabbilizzazzjoni huma, bħall-ġenerazzjoni tas-suq, attivitajiet leġittimi li huma importanti għall-funzjonament tajjeb ta' swieq primarji ([6]). Il-BĊE jilqa' l-fatt li l-eżenzjoni relatata ma' miżuri ta' stabbilizzazzjoni fil-kuntest tar-reġim ta' bejgħ bin-nieqes hija ddefinita fir-regolament propost permezz ta' referenza għad-definizzjoni użata fir-reġim tal-Unjoni għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq ([7]). Fl-istess ħin, il-BĊE jirrikkmanda ([8]) li jiġu ddelegati poteri lill-Kummissjoni sabiex tadotta, fuq il-bażi ta' proposta mill-AETS, l-istandards ta' implimentazzjoni teknika li jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-eżenzjoni għal miżuri ta' stabbilizzazzjoni taħt ir-reġim ta' bejgħ bin-nieqes. Tali standards tekniċi għandhom jikkumplimentaw l-istandards tekniċi żviluppati fir-rigward tal-eżenzjoni għal miżuri ta' stabbilizzazzjoni taħt ir-reġim ta' abbuż tas-suq ([9]). Żewġ settijiet separati ta' standards tekniċi implimentatorji huma mixtieqa sabiex jiġu indirizzati l-karatteristiċi speċifiċi taż-żewġ sitwazzjonijiet; din hija wkoll kwistjoni ta' teknika leġiżlattiva tajba.

*Standards ta' rapportaġġ u ta' żvelar pubbliku*

7. Taħt ir-regolament propost, huma ddelegati poteri lill-Kummissjoni sabiex tadotta, fuq il-bażi ta' proposta mill-AETS: (a) standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw d-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti li jaqbżu l-livell limitu ta' rapportaġġ speċifikat ([10]); u (b) standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-mezzi li bihom tingħata informazzjoni lill-pubbliku fir-rigward ta' pożizzjonijiet netti bin-nieqes li jaqbżu l-limitu minimu ta' żvelar pubbliku speċifikat ([11]). Il-BĊE jirrakkomanda ([12]) li tiġi speċifikata

([1]) Ara l-Artikolu 15 tar-regolament propost.
([2]) Ara l-kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010, tweġibiet għal mistoqsijiet 7 sa 9, p. 5-7; ara ukoll premessa 19 għar-regolament propost.
([3]) Ara l-emenda proposta 8 fl-Anness għal din l-opinjoni.
([4]) Ara l-Artikolu 15(4) tar-regolament propost, flimkien mal-premessa 11 tiegħu u l-Artikolu 2(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2003 tat-22 ta' Diċembru 2003 li jimplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-eżenzjonijiet għall-programmi tax-xiri lura u l-istabbilizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 33).
([5]) Ara l-kontribuzzjoni tal-Eurosistema tal-2010, risposti għad-domandi 7 sa 9, l-aħħar sentenza tat-tieni paragrafu , p. 6.
([6]) Ara l-memordandum ta' spjegazzjoni għar-regolament propost, l-aħħar sentenza tal-paragrafu 3.3.4.
([7]) Jiġifieri ir-Regolament ta' Implimentazzjoni KE) Nru 2273/2003.
([8]) Ara l-emenda proposta 9 fl-Anness għal din l-opinjoni.
([9]) Ara l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2003/6/KE, kif imdaħħal bl-Artikolu 3(3)(b) tad-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120).
([10]) Ara l-Artikolu 9(5) tar-regolament propost.
([11]) Ara l-Artikolu 9(6) tar-regolament propost.
([12]) Ara l-emendi proposti 2 (premessa) u 6 fl-Anness għal din l-opinjoni.

d-delegazzjoni leġiżlattiva lill-Kummissjoni fis-sens li l-formats użati għall-finijiet ta' rapportaġġ u żvelar pubbliku f'tali każijiet għandhom jippermettu konsolidazzjoni u evalwazzjoni f'waqthom madwar l-Unjoni kollha ta' pożizzjonijiet ta' bejgħ bin-nieqes li jaffettwaw lil emittenti speċifiċi. Il-konsistenza tal-formats tar-rapportaġġ ser tkun kruċjali biex tiġi żgurata risposta effettiva għal taqlib potenzjali fis-suq mill-AETS u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif ukoll, f'relazzjoni mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, mis-SEBĊ u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS).

8. Rigward il-kwistjoni speċifika ta' obbligi ta' żvelar pubbliku imposti fuq entitajiet involuti f'bejgħ bin-nieqes ([1]), il-BĊE jifhem li r-regolament propost jipprevedi li tali żvelar għandu jsir bl-użu ta' mekkaniżmi maħtura uffiċjalment għaż-żamma ċentrali ta' informazzjoni rregolata, imdaħħla bħala parti mir-reġim ta' trasparenza tal-Unjoni għat-titoli ([2]). Fil-prinċipju, il-BĊE jappoġġja dan il-metodu ta' żvelar, waqt li jirrikkmanda ([3]) li għandu jkun ibbażat fuq rapportaġġ interattiv, li juża formats ta' dejta standard, sabiex jippermetti konsolidazzjoni effiċjenti u aċċess flessibbli għal informazzjoni madwar l-Unjoni kollha fuq bażi integrata. Pereżempju, l-informazzjoni kollha żvelata għandha tkun disponibbli mill-AETS permezz ta' aċċess ċentralizzat lil mekkaniżmi maħtura uffiċjalment. Dan għandu jirrifletti l-implikazzjonijiet transkonfinali ta' riskji ġġenerati minn bejgħ bin-nieqes u l-irwol ta' koordinazzjoni previst għall-AETS taħt ir-regolament propost.

*Skambju ta' informazzjoni*

9.1. Ir-regolament propost jistabbilixxi arranġamenti għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-AETS fir-rigward ta' pożizzjonijiet bin-nieqes netti rrapportati lil dawk l-awtoritajiet kompetenti. Il-BĊE jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin f'dan ir-rigward ([4]).

9.2. Fl-ewwel lok, bħala minimu, il-proċeduri proposti għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-AETS għandhom isiru aktar effiċjenti, b'mod partikolari billi jippermettu lill-AETS tagħmel rikjesti għal skambju ta' informazzjoni dak il-ħin stess meta dan ikun meħtieġ biex twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv. Fuq medda ta' żmien itwal, l-AETS għandha tikseb aċċess awtomatiku għal kull informazzjoni rrapportata taħt ir-regolament propost. Għaldaqstant, il-BĊE jirrikkmanda li l-AETS tibda ħidma fuq l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ċentralizzati tal-Unjoni għall-ġbir ta' informazzjoni li japplikaw identifikatur komuni ta' entitajiet li jirrapportaw u tassonomija minima komuni; dawn il-mekkaniżmi għandhom jippermettu aċċess flessibbli ta' dak il-ħin stess għall-informazzjoni għal skopijiet ta' politika, waqt li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-dejta riċevuta. Il-BĊE jikkunsidra li l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmi ċentralizzati għandu jgħin biex jingħelbu l-limiti inerenti fl-użu ta' ġabriet ta' mikrodejta mhux koordinati u għandu jippermetti wkoll li l-informazzjoni miġbura taħt ir-regolament propost tintuża b'konnessjoni ma' settijiet ta' dejta oħrajn li jkunu disponibbli, sabiex b'hekk jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-entitajiet li jirrapportaw u l-awtoritajiet pubbliċi ([5]).

([1]) Ara l-Artikolu 7 tar-regolament propost.

([2]) Ara l-Artikolu 9(4) tar-regolament propost, flimkien mal-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

([3]) Ara l-emendi proposti 1 (premessa) u 6 fl-Anness għal din l-opinjoni.

([4]) Ara l-emendi proposti 3 (premessa) u 7 fl-Anness għal din l-opinjoni.

([5]) L-inizjattivi relevanti ta' armonizzazzjoni jinkludu: (i) il-qafas komuni għal reġistri tan-negozju stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 (ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6); (ii) il-ħidma tal-Kummissjoni li tinsab għaddejja dwar reġistri tan-negozju (ara l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni, "L-interkonnessjoni ta' reġistri tan-negozju" (KUMM(2009) 614 finali); u (iii) l-istabbiliment ta' reġistri ta' atturi finanzjarji pprovduti f'emendi għad-direttivi relevanti mdaħħla mill-Artikoli 2(1)(b), 4(1)(a), 6(1) u (16), u 9(3) tad-Direttiva 2010/78/UE u inkluża l-lista ta' konglomerati finanzjarji identifikati, ir-reġistru ta' istituzzjonijiet għal provvediment ta' rtirar mix-xogħol, ir-reġistru ta' kumpaniji ta' investiment, il-lista ta' swieq irregolati u l-lista ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati, rispettivament. Barra minn hekk, bażijiet ta' dejta dwar titoli jinkludu, b'mod partikolari: (i) lista ta' strumenti finanzjarji pprovduti fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1); u (ii) il-Bażi ta' Dejta Ċentralizzata dwar it-Titoli tal-BĊE (ara BĊE, "The 'Centralised Securities Database' in brief", Frar 2010, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE).

9.3. Fit-tieni lok, ir-regolament propost għandu jipprovdi wkoll espressament għal skambju ta' informazzjoni bejn l-AETS u l-banek ċentrali tas-SEBĊ sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-funzjonijiet tas-SEBĊ rigward il-ġbir ta' dejta statistika ([1]) u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja ([2]).

9.4. Fit-tielet lok, ir-regolament propost għandu jipprovdi għal skambju ta' informazzjoni bejn l-AETS u l-BERS, bil-għan li jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' informazzjoni mill-BERS għat-twettiq tal-kompiti tiegħu u sabiex jiġu identifikati u prijoritizzati r-riskji sistemiċi li jistgħu jirriżultaw minn żviluppi fis-sistema finanzjarja ([3]).

*Poteri ta' intervent*

10. Ir-regolament propost jippermetti l-konsultazzjoni opzjonali mill-AETS tal-BERS fir-rigward ta' miżuri imposti f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali mill-AETS bil-għan li jiġu indirizzati l-effetti negattivi ta' bejgħ bin-nieqes ([4]). Il-BĊE jirrikkmanda ([5]) li l-AETS għandha jkollha wkoll id-dritt li tikkonsulta lill-BERS meta tiġi nnotifikata dwar miżuri mdaħħla mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Limiti taż-żmien xierqa jistgħu jiġu stabbiliti sabiex jiżguraw it-tmexxija effiċjenti ta' konsultazzjonijiet tal-BERS ([6]). Il-BĊE jinnota illi l-konsultazzjoni tal-BERS b'rabta ma' miżuri ta' intervent mwettqa taħt ir-reġim tal-Unjoni dwar il-bejgħ bin-nieqes għandha tippermetti li tiġi inkorporata b'mod xieraq il-perspettiva makroprudenzjali fl-interventi kkontemplati. Barra minn hekk, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), inkluża l-AETS, għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-BERS u jipprovdulu l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tiegħu b'mod regolari u fil-ħin ([7]), waqt li l-BERS jista' jitlob informazzjoni addizzjonali mill-ASE ([8]). Dispożizzjonijiet li jipprevedu l-konsultazzjoni tal-BERS mill-AETS fuq interventi kkontemplati ta' bejgħ bin-nieqes għandhom jippermettu lill-BERS, fl-ewwel lok, li jagħmel evalwazzjoni infurmata u fil-ħin jekk talba għal aktar informazzjoni tkun meħtieġa f'sitwazzjoni speċifika minħabba r-riskji sistemiċi potenzjali, u, fit-tieni lok, biex jiġu fformulati tali rikjesti, jekk ikun hemm, b'mod prammatiku u konsistenti.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-regolament propost jiġi emendat, proposti speċifiċi ta' abbozzar huma ppreżentati fl-Anness flimkien ma' nota spjegattiva f'dan is-sens.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-3 ta' Marzu 2011.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

---

([1]) Ara l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem, l-"Istatut tas-SEBĊ").

([2]) Ara l-Artikolu 127(5) flimkien mal-Artikolu 139(2)(c) tat-Trattat u l-Artikolu 3.3 flimkien mal-Artikolu 42.1 tal-Istatut tas-SEBĊ.

([3]) Ara l-Artikolu 3(2)(b) flimkien mal-Artikolu 3(1), l-ewwel sentenza tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

([4]) Ara l-Artikolu 24(4) tar-regolament propost.

([5]) Ara l-emendi proposti 4 (premessa) u 10 fl-Anness għal din l-opinjoni.

([6]) Ara l-emendi proposti 10 u 11 fl-Anness għal din l-opinjoni.

([7]) Ara l-Artikolu 15(2) flimkien mal-Artikolu 36(2) tar-regolamenti li jistabbilixxu l-ASE, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12); ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48); u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([8]) Ara l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

*ANNESS*

**Proposti ta' abbozzar**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| ***Emenda 1*** | |
| Premessa 6 tar-regolament propost | |
| "(6) Trasparenza msaħħa li għandha x'taqsam ma' pożizzjonijiet bin-nieqes netti sinifikanti fi strumenti finanzjarji speċifiċi x'aktarx tkun ta' benefiċċju kemm għar-regolatur kif ukoll għall-parteċipanti fis-suq. Għal ishma ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar fl-Unjoni, għandu jiddaħħal mudell fuq żewġ saffi li jipprovdi għal trasparenza akbar ta' pożizzjonijiet bin-nieqes netti sinifikanti f'ishma fil-livell xieraq. F'livell limitu aktar baxx, in-notifika ta' pożizzjoni għandha ssir privatement lir-regolaturi konċernati biex tippermettilhom jimmonitorjaw u, fejn meħtieġ, jinvestigaw il-bejgħ bin-nieqes li jista' joħloq riskji sistemiċi jew ikun abbużiv; f'livell limitu ogħla, il-pożizzjonijiet għandhom jiġu ddivulgati pubblikament lis-suq sabiex tiġi pprovduta informazzjoni utli lil parteċipanti oħra fis-suq dwar pożizzjonijiet individwali sinifikanti ta' bejgħ bin-nieqes f'ishma." | "(6) Trasparenza msaħħa li għandha x'taqsam ma' pożizzjonijiet bin-nieqes netti sinifikanti fi strumenti finanzjarji speċifiċi x'aktarx tkun ta' benefiċċju kemm għar-regolatur kif ukoll għall-parteċipanti fis-suq. Għal ishma ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar fl-Unjoni, għandu jiddaħħal mudell fuq żewġ saffi li jipprovdi għal trasparenza akbar ta' pożizzjonijiet bin-nieqes netti sinifikanti f'ishma fil-livell xieraq. F'livell limitu aktar baxx, in-notifika ta' pożizzjoni għandha ssir privatement lir-regolaturi konċernati biex tippermettilhom jimmonitorjaw u, fejn meħtieġ, jinvestigaw il-bejgħ bin-nieqes li jista' joħloq riskji sistemiċi jew ikun abbużiv; f'livell limitu ogħla, il-pożizzjonijiet għandhom jiġu ddivulgati pubblikament lis-suq, **bl-użu ta' mekkaniżmu maħtur uffiċjalment**, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni utli lil parteċipanti oħra fis-suq dwar pożizzjonijiet individwali sinifikanti ta' bejgħ bin-nieqes f'ishma." |
| *Spjegazzjoni* | |
| *L-iżvelar permezz ta' mekkaniżmu maħtur uffiċjalment jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-konsolidazzjoni fil-ħin ta' dejta żvelata fuq bejgħ bin-nieqes. Din l-emenda hija marbuta mal-emenda 6, inkwantu temenda l-Artikolu 9(4) tar-regolament propost.* | |
| ***Emenda 2*** | |
| Premessa 14a tar-regolament propost (ġdida) | |
| [Ebda test] | "**14a Il-formats użati għall-finijiet ta' rapportaġġ u żvelar pubbliku għandhom jippermettu konsolidazzjoni u evalwazzjoni fil-ħin madwar l-UE kollha ta' pożizzjonijiet ta' bejgħ bin-nieqes li jaffettwaw lil emittenti speċifiċi. Il-konsistenza tal-istandards tar-rapportaġġ u tal-iżvelar hija wkoll kruċjali sabiex tiġi żgurata risposta effettiva għal taqlib potenzjali fis-suq.**" |
| *Spjegazzjoni* | |
| *Il-konsistenza tal-formats tar-rapportaġġ hija kruċjali sabiex tiġi żgurata risposta effettiva għal taqlib potenzjali fis-suq mill-AETS u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif ukoll, fir-rigward tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, mis-SEBĊ u l-BERS. Din l-emenda hija marbuta mal-emenda 5, inkwantu temenda l-Artikolu 9(5) u (6) tar-regolament propost.* | |
| ***Emenda 3*** | |
| Premessa 15a tar-regolament propost (ġdida) | |
| [Ebda test.] | "**15a. L-iskambju ta' informazzjoni dak il-ħin stess bejn awtoritajiet kompetenti u l-AETS dwar pożizzjonijiet bin-nieqes jista' jkun neċessarju biex jiġi żgurat it-twettiq effettiv tal-kompiti tal-AETS. Barra minn hekk, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-AETS u l-banek ċentrali tas-SEBĊ għandu jiffaċilita t-twettiq tal-funzjoni tal-bank ċentrali ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-istabilità finanzjarja. Finalment, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-AETS u l-BERS għandu jiffaċilita t-twettiq mill-BERS tal-kompitu tiegħu li jidentifika u jipprijoritizza riskji sistemiċi li jistgħu jirriżultaw minn żviluppi fi ħdan is-sistema finanzjarja.**" |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|

*Spjegazzjoni*

*Din il-premessa l-ġdida tirreferi għall-arranġamenti aktar wesgħin ta' skambju ta' informazzjoni li għandhom jiddaħħlu bejn l-AETS u l-banek ċentrali tas-SEBĊ, u bejn l-AETS u l-BERS. Din l-emenda hija marbuta mal-Emenda 7.*

***Emenda 4***

Premessa 27 tar-regolament propost

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|
| "(27) Is-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet kompetenti u l-AETS biex jirristrinġu l-bejgħ bin-nieqes, is-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu u tranżazzjonijiet oħra għandhom ikunu ta' natura temporanja biss u għandhom jiġu eżerċitati biss għal dan il-perjodu u sa fejn neċessarju sabiex tiġi indirizzata t-theddida speċifika." | "(27) Is-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet kompetenti u l-AETS biex jirristrinġu l-bejgħ bin-nieqes, is-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu u tranżazzjonijiet oħra għandhom ikunu ta' natura temporanja biss u għandhom jiġu eżerċitati biss għal dan il-perjodu u sa fejn neċessarju sabiex tiġi indirizzata t-theddida speċifika. **Il-konsultazzjoni tal-BERS mill-AETS qabel ma' din tal-aħħar teżerċita l-poteri tagħha stess jew qabel ma tagħti l-opinjoni tagħha fuq tali miżuri li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti għandha tippermetti inkorporazzjoni xierqa tal-perspettiva makroprudenzjali fl-interventi kkontemplati.**" |

*Spjegazzjoni*

*Din il-premessa l-ġdida tirreferi għall-ambitu aktar wiesgħa li huwa neċessarju għall-konsultazzjoni tal-BERS dwar il-miżuri ta' intervent ikkontemplati mibdija mill-AETS jew mill-awtoritajiet kompetenti. Din l-emenda hija marbuta mal-emendi 10 u 11.*

***Emenda 5***

Artikolu 2(1)(i) tar-regolament propost

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|
| "(i) 'dejn sovran maħruġ' tfisser:<br><br>(i) fir-rigward ta' Stat Membru, il-valur totali ta' dejn sovran maħruġ mill-Istat Membru jew kwalunkwe ministeru, dipartiment, bank ċentrali, aġenzija jew mezz strumentali tal-Istat Membru li ma ġiex mifdi;<br><br>(ii) fir-rigward tal-Unjoni, il-valur totali ta' dejn sovran maħruġ mill-Unjoni li ma ġiex mifdi;" | "(i) 'dejn sovran maħruġ' tfisser:<br><br>(i) fir-rigward ta' Stat Membru, il-valur totali ta' dejn sovran maħruġ **jew iggarantit** mill-**entitajiet li jappartjenu għas-settur pubbliku tal-**Istat Membru ~~jew kwalunkwe ministeru, dipartiment, bank ċentrali, aġenzija jew mezz strumentali tal-Istat Membru~~ li ma ġiex mifdi;<br><br>(ii) fir-rigward tal-Unjoni, il-valur totali ta' dejn ~~sovran~~ maħruġ **jew iggarantit** mill-**entitajiet li jappartjenu għas-settur pubbliku tal-**Unjoni li ma ġiex mifdi,<br><br>**fejn 'settur pubbliku' għandu jiġi ddefinit b'mod konformi mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 3603/93**;" |

*Spjegazzjoni*

*L-istrumenti ta' dejn sovran koperti mir-regolament propost għandhom jiġu ddefiniti b'mod konsistenti mal-leġiżlazzjoni sekondarja eżistenti tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 3603/93. Tali teknika leġiżlattiva jkollha l-benefiċċju li teskludi kwalunkwe distakk mhux intenzjonat, waqt li tiżgura wkoll li l-istrumenti ta' dejn maħruġa mill-banek ċentrali tas-SEBĊ bħala parti mill-implimentazzjoni tal-politika monetarja ma jiġux ikklassifikati bħala strumenti ta' dejn barrani, li jmur kontra l-projbizzjoni tal-bank ċentrali li jiġi ffinanzjat is-settur pubbliku kif stabbilit fl-Artikolu 123 tat-Trattat.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|

***Emenda 6***

Artikolu 9, paragrafi 4 sa 6 tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "4. Id-divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni stipulata fl-Artikolu 7 għandha ssir b'mod li tiżgura aċċess mgħaġġel għall-informazzjoni fuq bażi mhux diskriminatorja. L-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-mekkaniżmu maħtur uffiċjalment tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-emittent tal-ishma msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]). | "4. Id-divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni stipulata fl-Artikolu 7 għandha ssir b'mod li tiżgura aċċess mgħaġġel għall-informazzjoni **mogħtija f'formats ta' dejta standard** fuq bażi mhux diskriminatorja. ~~L-informazzjoni għandu jsir disponibbli għal~~, **bl-użu tal**-mekkaniżmu maħtur uffiċjalment tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-emittent tal-ishma msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]). **L-informazzjoni kollha żvelata għandha tkun disponibbli pubblikament ukoll permezz ta' aċċess ċentralizzat għal mekkaniżmi maħtura uffiċjalment stabbiliti mill-AETS.** |
| 5. Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata setgħat sabiex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw d-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-finijiet tal-paragrafu 1. | 5. Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata setgħat sabiex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw d-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-fiinijiet tal-paragrafu 1. |
| L-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont l-Artikoli [7 sa 7d] tar-Regolament (UE) Nru …/…. [ir-Regolament AETS]. | L-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont l-Artikoli ~~[7~~**10** sa ~~7d]~~**14** tar-Regolament (UE) Nru **1095/2010** ~~…/…. [ir-Regolament AETS]~~. |
| | **Il-Kummissjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni b'mod partikolari l-ħtieġa li jitħallew isiru konsolidazzjoni u evalwazzjoni effiċjenti madwar l-UE kollha ta' pożizzjonijiet ta' bejgħ bin-nieqes li jaffettwaw lil emittenti speċifiċi.** |
| L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 2011]. | L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 2011]. |
| 6. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-paragrafu 4, qed jiġu kkonferiti setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta standards tekniċi implimentatorji li jispeċifikaw il-mezzi li bihom l-informazzjoni tkun tista' tiġi ddivulgata lill-pubbliku. | 6. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-paragrafu 4, qed jiġu kkonferiti setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta standards tekniċi implimentatorji li jispeċifikaw il-mezzi li bihom l-informazzjoni tkun tista' tiġi ddivulgata lill-pubbliku. |
| | **Il-Kummissjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni b'mod partikolari l-ħtieġa li jitħallew isiru konsolidazzjoni u evalwazzjoni f'waqthom madwar l-UE kollha ta' pożizzjonijiet ta' bejgħ bin-nieqes li jaffettwaw lil emittenti speċifiċi.** |
| L-istandards tekniċi implimentatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu [7e] tar-Regolament (UE) Nru …/…. [ir-Regolament AETS]. | L-istandards tekniċi implimentatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu ~~[7e]~~**15** tar-Regolament (UE) Nru ~~…/….~~**1095/2010** ~~[ir-Regolament AETS]~~. |
| L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi implimentatorji lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 2011]. | L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi implimentatorji lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 2011]. |
| ([20]) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38." | ([20]) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38." |

*Spjegazzjoni*

*Il-konsistenza tal-formats tar-rapportaġġ u żvelar hija kruċjali sabiex tiġi żgurata risposta effettiva għal taqlib potenzjali fis-suq mill-AETS u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif ukoll, fir-rigward tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, mill-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS). Din l-emenda hija marbuta mal-emendi 1 u 2 (premessi).*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 7***

Artikolu 11 tar-regolament propost

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| "*Artikolu 11* | "*Artikolu 11* |
| **Informazzjoni li trid tiġi pprovduta lill-AETS** | **Informazzjoni li trid tiġi pprovduta lill-AETS** |
| 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu informazzjoni f'forma sommarja lill-AETS fuq bażi trimestrali dwar pożizzjonijiet bin-nieqes netti lil għandhom x'jaqsmu ma' ishma jew dejn sovran, u pożizzjonijiet skoperti li jkollhom x'jaqsmu ma' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu, li għalihom tkun l-awtorità kompetenti rilevanti u li tirċievi notifiki skont Artikoli 5 sa 8. | 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu informazzjoni f'forma sommarja lill-AETS fuq bażi trimestrali dwar pożizzjonijiet bin-nieqes netti lil għandhom x'jaqsmu ma' ishma jew dejn sovran, u pożizzjonijiet skoperti li jkollhom x'jaqsmu ma' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu, li għalihom tkun l-awtorità kompetenti rilevanti u li tirċievi notifiki skont Artikoli 5 sa 8. |
| 2. L-AETS tista' titlob fi kwalunkwe waqt, sabiex twettaq id-dmirijiet tagħha skont dan ir-Regolament, fi kwalunkwe ħin, informazzjoni addizzjonali minn awtorità kompetenti rilevanti ta' Stat Membru dwar pożizzjonijiet bin-nieqes netti li jkollhom x'jaqsmu ma' ishma jew dejn sovran jew pożizzjonijiet skoperti li jkollhom x'jaqsmu ma' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu. | 2. L-AETS tista' titlob fi kwalunkwe waqt, sabiex twettaq id-dmirijiet tagħha skont dan ir-Regolament, fi kwalunkwe ħin, ~~informazzjoni addizzjonali minn~~ **li** awtorità kompetenti rilevanti ta' Stat Membru **tiskambja mal-AETS fuq bażi ta' dak il-ħin stess l-informazzjoni li jkollha** dwar pożizzjonijiet bin-nieqes netti li jkollhom x'jaqsmu ma' ishma jew dejn sovran jew pożizzjonijiet skoperti li jkollhom x'jaqsmu ma' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu. |
| L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba lill-AETS mhux iżjed tard minn sebat ijiem kalendarji." | L-awtorità kompetenti għandha ~~tipprovdi l-informazzjoni mitluba l~~**tikkonforma ma' tali rikjesti mill-**AETS ~~mhux iżjed tard minn sebat ijiem kalendarji~~. |
| | 3. **L-AETS tista' tiskambja l-informazzjoni li tkun irċeviet b'mod konformi mal-paragrafi 1 u 2 mal-membri tas-SEBĊ u mal-BERS, jekk meħtieġ sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom.** |
| | 4. **Sal-[31 ta' Diċembru 2011]] l-AETS għandha tissottometti lill-Kummissjoni rapport li jirrevedi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ċentralizzati tal-Unjoni ta' ġbir ta' informazzjoni rrapportata taħt dan ir-regolament, li japplikaw identifikatur komuni ta' entitajiet li jirrapportaw u tassonomija komuni minima; dawn il-mekkaniżmi għandhom jippermettu aċċess flessibbli ta' dak il-ħin stess għall-informazzjoni għal skopijiet ta' politika, waqt li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-dejta riċevuta. Fuq il-bażi tal-eżitu ta' tali rapport, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti xierqa."** |

*Spjegazzjoni*

*Il-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-AETS għandhom jippermettu skambju ta' informazzjoni dak il-ħin stess meta dan ikun meħtieġ sabiex l-AETS tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv. Fuq medda ta' żmien aktar fit-tul, l-AETS għandha tikseb aċċess awtomatiku għal kull informazzjoni rrapportata taħt ir-regolament propost. F'dan ir-rigward, għandha tinbeda ħidma sabiex jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' ġbir ta' informazzjoni ċentralizzati tal-Unjoni. Dawk il-mekkaniżmi ċentralizzati għandhom jgħinu sabiex jingħelbu l-limiti interenti fl-użu ta' ġabriet ta' mikrodejta mhux koordinati u għandhom jippermettu wkoll li l-informazzjoni miġbura taħt ir-regolament propost tintuża b'konnessjoni ma' settijiet ta' dejta oħrajn li jkunu disponibbli, sabiex b'hekk jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-entitajiet li jirrapportaw u għall-awtoritajiet pubbliċi.*

*Barra minn hekk, għandu jiġi pprovdut espressament l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-AETS u l-banek ċentrali tas-SEBĊ. Dan għandu jiffaċilita t-twettiq tal-funzjonijiet tal-banek ċentrali li jikkonsistu fil-ġbir ta' dejta statistika u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja. L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-AETS u l-BERS għandu jiġi pprovdut ukoll sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-kompitu tal-BERS li tidentifika u tipprijoritizza riskji sistemiċi fi ħdan is-sistema finanzjarja. Din l-emenda hija marbuta mal-emenda 3 (premessa).*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|
| ***Emenda 8*** | |
| Artikolu 15(12) tar-regolament propost (ġdid) | |
| [Ebda test.] | **“12. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, qegħdin jingħataw poteri lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw: (a) karatteristiċi dettaljati tal-attivitajiet ta’ ġenerazzjoni tas-suq li jibbenefikaw mill-eżenzjoni; (b) proċeduri ta’ rapportaġġ biex tiġi żvelata l-attività ta’ ġenerazzjoni tas-suq lill-awtoritajiet kompetenti; u (ċ) strutturi ta’ portafoll u proċeduri ta’ kontabilità li għandhom jintużaw minn ġeneraturi tas-suq bil-għan li jiġi identifikat b’mod ċar il-karattru ta’ tranżazzjoni jew bħala ġenerazzjoni ta’ suq jew bħala tip ta’ tranżazzjoni oħra, u li jeskludi li t-tranżazzjonijiet jerġgħu jiddaħħlu fil-kontijiet mingħajr notifika lill-awtorità kompetenti.**<br><br>**L-istandards regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati b’mod konformi mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.**<br><br>**L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards regolatorji lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-[31 ta’ Diċembru 2011].**” |

*Spjegazzjoni*

*Ċerti attivitajiet speċifikati ta’ ġenerazzjoni tas-suq u attivitajiet tas-suq ewlieni huma eżenti mir-reġim ta’ trasparenza u ta’ interventi regolatorji previst taħt ir-regolament propost. Abbużi potenzjali ta’ din l-eżenzjoni għandhom jiġu evitati; b’mod partikolari, in-negozju proprjetarju ta’ ġeneratur tas-suq m’għandux jibbenefika minnha. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-istandards tekniċi regolatorji relevanti.*

| | |
|---|---|
| ***Emenda 9*** | |
| Artikolu 15(13) tar-regolament propost (ġdid) | |
| [Ebda test.] | **“13. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-paragrafu 4, qed jingħataw poteri lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi implimentatorji li jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-eżenzjoni għall-iskemi ta’ stabbilizzazzjoni taħt ir-reġim ta’ bejgħ bin-nieqes. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, b’mod partikolari, il-bżonn li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel ta’ attivitajiet ta’ ġenerazzjoni tas-suq, filwaqt li jimpedixxu abbuż possibbli tal-eżenzjoni tal-ġenerazzjoni tas-suq.**<br><br>**L-istandards regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati b’mod konformi mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.**<br><br>**L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards regolatorji lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-[31 ta’ Diċembru 2011].**” |

*Spjegazzjoni*

*L-eżenzjoni relatata ma’ arranġamenti ta’ stabbilizzazzjoni fil-kuntest tar-reġim tal-bejgħ bin-nieqes hija ddefinita permezz ta’ referenza għad-definizzjoni użata fir-reġim tal-Unjoni għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tadotta standards tekniċi implimentatorji mmirati speċifikament lejn l-applikazzjoni uniformi ta’ din l-eżenzjoni taħt ir-reġim tal-bejgħ bin-nieqes. Żewġ settijiet separati ta’ standards tekniċi implimentatorji (taħt ir-reġimi ta’ bejgħ bin-nieqes u ta’ abbuż tas-suq) huma preferibbli sabiex jiġu indirizzati l-karatteristiċi speċifiċi taż-żewġ sitwazzjonijiet; din hija wkoll kwistjoni ta’ teknika leġiżlattiva tajba.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (1) |
|---|---|

***Emenda 10***

Artikolu 23(2a) tar-regolament propost (ġdid)

| | |
|---|---|
| [Ebda test.] | "**2a. Qabel ma tiddeċiedi li timponi jew li ġġedded kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1, l-AETS tista' tikkonsulta mal-BERS. L-AETS tista' tiffissa skadenza biex tintbagħat risposta għall-konsultazzjoni tagħha, li ma tistax tkun iqsar minn 12-il siegħa.**" |

*Spjegazzjoni*

*Il-konsultazzjoni tal-BERS fuq miżuri ta' intervent mwettqa taħt ir-reġim tal-Unjoni ta' bejgħ bin-nieqes tista' tippermetti inkorporazzjoni xierqa tal-perspettiva makroprudenzjali fl-interventi kkontemplati. Barra minn hekk, tali konsultazzjoni għandha tippermetti lill-BERS, fl-ewwel lok, li tagħmel evalwazzjoni infurmata u fwaqtha jekk tkun meħtieġa talba għal aktar informazzjoni f'sitwazzjoni speċifika fid-dawl tar-riskji sistemiċi potenzjali, u, fit-tieni lok, sabiex tali talbiet jiġu fformulati b'mod prammatiku u konsistenti. Din l-emenda hija marbuta mal-emenda 4 (premessa) u l-emenda 11.*

***Emenda 11***

Artikolu 24(4) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "4. Qabel ma tiddieċiedi li timponi jew iġġedded kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1, l-AETS għandha tikkonsulta, fejn xieraq, lill-Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku u awtoritajiet rilevanti oħra." | "4. Qabel ma tiddieċiedi li timponi jew iġġedded kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1, l-AETS għandha tikkonsulta, fejn xieraq, lill-Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku u awtoritajiet rilevanti oħra. **L-AETS tista' tiffissa skadenza sa meta għandha tintbagħat risposta għall-konsultazzjoni tagħha, li ma tistax tkun iqsar minn 24 siegħa.**" |

*Spjegazzjoni*

*Il-konsultazzjoni mal-BERS dwar miżuri imposti f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali mill-AETS tista' tippermetti l-inkorporazzjoni xierqa tal-perspettiva makroprudenzjali fl-interventi kkontemplati. Barra minn hekk, tali konsultazzjoni għandha tippermetti lill-BERS, fl-ewwel lok, biex tagħmel evalwazzjoni infurmata u f'waqtha jekk tkun meħtieġa talba għal aktar informazzjoni f'sitwazzjoni speċifika fid-dawl tar-riskji sistemiċi potenzjali, u, fit-tieni lok, sabiex tali talbiet jiġu fformulati b'mod prammatiku u konsistenti. Din l-emenda hija marbuta mal-emenda 4 (premessa) u l-emenda 10.*

(1) L-użu ta' tipa skura fit-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi li jiddaħħal test ġdid. Test maqtugħ jindika fejn il-BĊE qed jipproponi li jitħassar it-test.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

**It-22 ta' Marzu 2011**

(2011/C 91/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4211 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4039 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 115,15 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3911 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4572 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 11,0763 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,86780 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,9120 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,9320 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7950 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2843 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 597,64 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,8138 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,9060 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,3039 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3750 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,450 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 382,64 |
| HUF | Forint Ungeriż | 270,43 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,3010 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 61,594 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7089 | RUB | Rouble Russu | 40,0990 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,0338 | THB | Baht Tajlandiż | 42,974 |
| RON | Leu Rumen | 4,1288 | BRL | Real Brażiljan | 2,3655 |
| TRY | Lira Turka | 2,2311 | MXN | Peso Messikan | 17,0204 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 63,8860 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro intenzjonati għaċ-ċirkulazzjoni**

(2011/C 91/03)




*Wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Greċja*

Muniti tal-euro intenzjonati għaċ-ċirkulazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti ġodda kollha bil-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jimmaniġġjaw il-muniti ([1]). Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li laħqu ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti tal-euro, għandhom il-permess joħorġu muniti tal-euro kommemorattivi intenzjonati għaċ-ċirkulazzjoni, sakemm jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet, partikolarment li tintuża biss id-denominazzjoni ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Pajjiż li qed joħroġ il-munita:** Il-Greċja

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** L-organizzazzjoni tal-Logħob Dinji tal-Olimpjadi Speċjali – Ateni 2011

**Deskrizzjoni tad-disinn:**

Iċ-ċentru tal-munita fih l-emblema tal-Logħob, xemx tiddi, is-sors tal-ħajja li jenfasizza l-eċċellenza u l-qawwa tal-atleta li jieħu sehem fil-Logħob. L-eċċellenza hija deskritta b'fergħa taż-żebbuġ u l-qawwa fil-forma spirali fiċ-ċentru tax-xemx. Madwar ix-xbiha hemm miktuba l-marka XIII Special Olympics W.S.G. Athens 2011 kif ukoll il-pajjiż li qed joħroġ il-munita Ελληνικη Δημοκρατια. Bejniethom tidher il-marka taz-zekka.

Iċ-ċirku estern tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**Kwantità ta' muniti li se jinħarġu:** 1 miljun munita

**Data tal-ħruġ:** tmiem it-tieni trimesteru 2011

---

([1]) Għall–uċuħ nazzjonali l-oħra tal-muniti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, ara http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/cash/coins/index_en.htm

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ekonomiku u tal-Affarijiet Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

**Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni**

(2011/C 91/04)




*Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mir-Repubblika ta' San Marino*

Il-muniti euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika l-karatteristiċi tad-disinji tal-muniti tal-euro ġodda kollha bil-ħsieb li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha konċernati li jużaw il-muniti ([1]). Skont il-konklużjonijiet adottati rigward dan is-suġġett mill-Kunsill fl-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li laħqu ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti tal-euro, għandhom il-permess joħorġu muniti tal-euro kommemorattivi intenzjonati għaċ-ċirkulazzjoni, sakemm jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet, partikolarment li tintuża biss id-denominazzjoni ta' EUR 2 Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn simboliku qawwi kommemorattiv fuq livell nazzjonali jew Ewropew.

**Pajjiż li qed joħroġ il-munita:** Ir-Repubblika ta' San Marino

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** il-500 anniversarju mit-twelid tal-pittur Taljan Giorgio Vasari (30 ta' Lulju 1511-27 ta' Ġunju 1574). Vasari kien ukoll kittieb, storiku u perit, magħruf għall-bijografiji ta' artisti Taljani, u llum hu kkunsidrat li hu l-fundatur ideoloġiku tal-kitba artistorika.

**Deskrizzjoni tad-disinn:**

Il-parti ċentrali tal-munita turi dettall tal-pittura ta' Giorgio Vasari "Giuditta décapite Oloferne". Fin-naħa ta' isfel tal-munita hemm id-dati "1511-2011", fuq in-naħa tax-xellug "G. Vasari" u l-marka taz-zekka "R"; fuq in-naħa tal-lemin hemm l-iskrizzjoni "San Marino" u "C.M.", li huma l-inizjali tal-artista Claudia Momoni.

Iċ-ċirku estern tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**Kwantità ta' muniti li ser jinħarġu:** 130 000 munita

**Data tal-ħruġ:** Ġunju 2011

([1]) Għall-uċuħ nazzjonali l-oħra tal-muniti tal-euro fiċ-ċirkulazzjoni, ara http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/cash/coins/index_en.htm

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linjigwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

V

*(Avviżi)*

ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2011/C 91/05)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"ΠΑΤΑΤΑ ΝΑΞΟΥ" (PATATA NAXOU)**

**Nru tal-KE: EL-PGI-0005-0708-27.06.2008**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem:**

"Πατάτα Νάξου" (Patata Naxou)

2. **Stat membru jew pajjiż terz:**

Il-Greċja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *Tip ta' prodott:*

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1:*

Il-"Patata Naxou" hija tuberu li jittiekel tal-ispeċi *Solanum tuberosum*, li jiġi kkonsmat mill-bniedem mingħajr ma jkun jeħtieġ ipproċessar minn qabel (patata li tittiekel). Id-daqs tat-tuberu jvarja minn 35 sa 65 millimetru, u l-forma tiegħu hija tonda jew tawwalija. Il-qoxra għandha dehra lixxa u b'konsistenza uniformi, ta' kulur isfar. Kull tuberu jkun fih madwar għaxar tikek fil-wiċċ, il-qalba tiegħu huwa ta' kulur karatteristiku abjad li jagħti fl-isfar.

Barra minn hekk, il-"Patata Naxou" hija kkaratterizzata mid-daqs uniformi, miċ-ċarezza fid-dehra tagħha, mill-assenza ta' taħsir u ta' mard, mill-perċentwal ta' materjal xott (> 18 %) u mil-livell baxx ta' zokkor (< 1 %), u minħabba l-kultivazzjoni tagħha fir-rebbiegħa li tippermetti qligħ prekoċi ħafna tat-tuberi.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Il-varjetajiet tal-patata kkultivata fiż-żona ġeografika ta' Naxos huma Liseta, Spunta, Marfona, Vivaldi u Alaska.

Bħalissa fil-ġżira ta' Naxos jeżistu żewġ staġuni għaż-żrigħ: għall-kultivazzjoni tar-rebbiegħa, iż-żrigħ isir minn nofs Frar sal-bidu tax-xahar ta' Marzu, u għall-kultivazzjoni tal-ħarifa, mill-bidu tax-xahar ta' Awwissu sal-bidu tax-xahar ta' Settembru. Il-patata tar-rebbiegħa tibda tinqala' fl-aħħar tax-xahar ta' Mejju u tibqa' tinqala' sal-ewwel għaxart ijiem tax-xahar ta' Lulju.

3.3. *Materja prima:*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

—

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika identifikata:*

L-istadji tal-produzzjoni li jsiru fiż-żona ġeografika definita huma ż-żrigħ, il-kultivazzjoni, il-qligħ u l-maturazzjoni tat-tuberi.

Dawn l-istadji għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika definita minħabba li l-produtturi lokali tal-patata kisbu esperjenza li tiggarantixxi l-qligħ bikri filwaqt li l-parametri ambjentali lokali jiġu sfruttati kemm jista' jkun (iż-żmien taż-żrigħ skont l-inżul tax-xita); iżda barra minn hekk, wara l-estrazzjoni tat-tuberi, dawn il-produtturi japplikaw teknika speċifika li tikkonsisti fil-kisi tal-prodott bit-tiben sabiex il-qoxra teħxien u għalhekk issir iktar reżistenti għat-trasport, u fl-istess ħin id-diversi feriti superfiċjali jerġgħu jingħalqu.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.:*

—

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

F'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Kommunitarja u nazzjonali.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:**

Il-"Patata Naxou" tiġi prodotta fil-ġżira ta' Naxos. B'erja ta' 428 $km^2$, din il-ġżira hija l-ikbar waħda fil-provinċja taċ-Ċikladi tar-reġjun fin-Nofsinhar tal-Baħar Eġew. It-total tal-erja tal-kultivazzjoni tal-patata jvarja skont l-istaġun tal-kultivazzjoni. Fil-ħarifa bejn 150 u 170 ettaru filwaqt li fir-rebbiegħa jista' jlaħħaq it-300 ettaru.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika:*

A. Klima: Il-fatturi klimatiċi msemmija hawn taħt huma meqjusa bħala l-fatturi li speċifikament iwasslu għall-klassifikazzjoni tal-kwalità tal-prodott:

(1) atmosfera relattivament umda, li żżomm livell annwali medju ta' 71

(2) livell annwali tal-inżul tax-xita li jilħaq it-370 mm,

(3) irjieħ mit-Tramuntana li jiddominaw matul is-sena kollha,

(4) temperatura medja annwali ta' 17,5 °C.

(5) 202 jum ta' esponiment għax-xemx kull sena,

(6) prattikament l-ebda ġlata.

Il-fatturi klimatiċi li jinfluwenzaw il-kwalità tal-"Patata Naxou" huma l-livelli baxxi tal-umdità u tat-temperatura għolja, li jimpedixxu t-taħsir mill-*Phytophthora* sp., li hija responsabbli għall-biċċa l-kbira tat-telf fil-kultivazzjoni tal-patata. Fil-fatt, il-possibbiltà ta' dan it-taħsir tikber f'umdità relattiva li tkun ogħla minn 90 % u inqas minn 27 °C. Għalhekk, il-kundizzjonijiet klimatiċi ta' Naxos jikkontribwixxu b'mod deċisiv sabiex jiġi evitat it-taħsir l-iktar serju kontra l-kultivazzjoni tal-patata, u anke minħabba li fatturi patoġeniċi oħra li huma rari f'din iż-żona ġeografika, ifisser l-użu mill-inqas ta' prodotti fitosanitarji.

Barra minn hekk, it-temperatura għolja flimkien mal-livell għoli ta' esponiment għax-xemx fil-gżira ta' Naxos jippermettu li ċ-ċiklu veġetattiv tal-iżvilupp tal-patata jitwal għas-sena kollha u li t-tuberi jimmaturaw b'mod eċċellenti. Fl-aħħar nett, id-differenza bejn it-temperaturi ta' billejl u dawk ta' binhar jgħinu fit-tkabbir tat-tuberi.

B. Ħamrija: Is-sottostrat ġeoloġiku ta' Naxos huwa ffurmat minn blat kristallin, l-iktar granit, gness, irħam u skistu fil-katina tal-iġbla muntanjużi tal-gżira u fis-sediment terzjarju, l-iktar ħamrija magħmula minn tafal u tajn magħqud, ġebel ramli u konglomerati fil-pjanuri u fuq il-littoral.

Il-ħamrija tal-ġżira hija kkaratterizzata minn profondità sinifikanti u minn kompożizzjoni ta' ramel u tafal b'dehra ta' granuli, ma fihiex sodju u mingħajr l-ebda riskju ta' erożjoni. Fiha biżżejjed kwantità ta' fosfru u potassju; il-livell ta' manjeżju huwa medju u dak tal-materjal organiku huwa baxx. Il-kompożizzjoni ramlija u taflija tal-ħamrija tippermetti li l-ilma jgħaddi faċilment minnha u li t-tuberi jiżviluppaw normalment b'mod uniformi u regolari.

C. Fatturi umani: il-prattiki tal-kultivazzjoni huma partikolarment adattati għall-kundizzjonijiet lokali, minħabba li flimkien mal-vantaġġi msemmija hawn fuq, huma jisfruttaw għall-massimu l-inżul tax-xita staġjonali. L-istaġun tax-xita, minn Novembru sa Frar, jaħbat mal-perjodu tal-iżvilupp tat-tuberi tal-kultivazzjoni tal-ħarifa u mat-tnibbit tal-kultivazzjoni tar-rebbiegħa. Dan l-adattament perfett għall-kundizzjonijiet klimatiċi lokali huwa wkoll il-kawża ewlenija ta' waħda mill-karatterisitiċi prinċipali tal-kultivazzjoni tal-patata f'Naxos, jiġifieri l-fatt li hija patata prekoċi.

Prattika oħra li ssir biss fost il-produtturi ta' Naxos hija l-maturazzjoni fl-għelieqi, tat-tuberi li jinżammu mgħottijin wara li jinqalgħu. Speċifikament, wara l-estrazzjoni tat-tuberi, wara l-ewwel għażla sabiex jitwarrbu l-elementi estranji u t-tuberi mħassrin, il-produtturi tal-patata tar-reġjun japplikaw teknika li tikkonsisti fl-għata tat-tuberi li jkunu għadhom fl-għalqa b'kisja ta' tiben u mbagħad b'kisja oħra ta' pjanti tal-patata sabiex jipproteġuhom mix-xemx. Matul dan iż-żmien, il-"Patata Naxou" timmatura, tibbies u l-qoxra tagħha teħxien u b'hekk issir iktar reżistenti fit-trasport, filwaqt li l-feriti superfiċjali jerġgħu jingħalqu. Din il-prattika tippermetti wkoll li jitnaqqas ir-riskju ta' żieda fil-livell tat-tuberi bil-glikoakalojdi matul il-manipolazzjonijiet ta' wara.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott:*

Il-"Patata Naxou" kisbet reputazzjoni partikolari fis-suq. Hija magħrufa bħala prodott bi speċifikazzjonijiet li jippreżentaw livell għoli ta' kwalità u ta' stabbiltà. Din ir-reputazzjoni tmur lura sa minn mindu oriġina l-Istat Grieg modern u ilha magħrufa għal kważi żewġ sekli. Dan huwa prodott ta' importanza kbira għas-soċjetà lokali u jidentifika ruħhu mal-ġżira ta' Naxos. Il-"Patata Naxou" attwalment tissemma fil-gwidi turistiċi, fil-gazzetti Griegi u anke barra mill-pajjiż fir-riċetti ta' koki famużi.

Barra minn hekk, il-prekoċità tal-kultivazzjoni tal-"Patata Naxou" fir-rebbiegħa hija karatteristika li tagħti lill-prodott valuri partikolari fis-suq.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott.:*

Ir-rabta tal-prodott mar-reġjun hija bbażata fuq ir-reputazzjoni li għandu. Id-differenza fil-kwalità tal-"Patata Naxou" hija r-riżultat ta' għadd ta' karatteristiċi ġeoloġiċi u klimatiċi partikolari għal Naxos flimkien mal-prattiki tal-kultivazzjoni li huma adattati għall-kundizzjonijiet lokali. Din id-differenza tat reputazzjoni partikolari lill-"Patata Naxou" fil-qasam Grieg, u xhieda ta' dan huma r-referenzi li saru għaliha sa mill-ewwel nofs tas-seklu XIX, meta l-patata ġiet introdotta fil-Greċja.

Il-"Patata Naxou" kisbet ir-reputazzjoni tagħha fl-1841 meta ġiet offruta bħala speċjalità lokali lir-re Othon li kien fuq żjara fil-gżira. Wara, fl-1874, ġiet deskritta minn Dugit bħala waħda mill-prodotti agrikoli eċċezzjonali ta' Naxos. Wara ħafna snin, fl-1911, fl-ewwel ċensiment rurali arkivjat tal-Greċja, ġew irreġistrati 111,9 ettaru ta' kultivazzjoni tal-patata f'Naxos. Fl-1926 ir-reputazzjoni tal-"Patata Naxou" tant kienet mifruxa li l-muniċipalità tal-Glinado għażlet lill-pjanta tal-patata bħala l-emblema tas-siġill tal-lokal.

Il-kwalità eċċellenti tal-patata prodotta f'Naxos wasslet biex fl-1953, l-Istat Grieg iwwaqqaf fuq il-gżira ċ-Ċentru nazzjonali tal-produzzjoni taż-żerriegħa tal-patata, u fl-1959 il-"Patata Naxou" tqiegħdet fil-lista tal-prodotti li l-Istat kellu jipproteġi. Wara din il-fażi, il-"Patata Naxou" saret waħda mill-prodotti lokali tal-ġżira li jispikkaw fil-gwidi turistiċi Griegi u barranin.

Il-"Patata Naxou" illum il-ġurnata hija magħrufa fil-Greċja kollha, u xhieda ta' dan huwa l-għadd kbir ta' drabi li tissemma fl-artikli u r-reċensjonijiet fil-ġurnali. Hija tissemma wkoll fil-gwidi turistiċi u fir-reċensjonijet speċjalizzati tal-gastronomija. Dan huwa prodott li jidher fir-riċetti ta' koki Griegi famużi u magħruf fost il-kritiċi tal-gastronomija. Din il-patata tidher ukoll fil-menus tal-aqwa ristoranti. Barra minn hekk, kull sena l-awtoritajiet lokali ta' Naxos jorganizzaw festi tal-patata, li jkomplu jikkonfermaw ir-reputazzjoni u l-importanza storika tagħha għas-soċjetà lokali.

Il-"Patata Naxou" tiddistingwi ruħha minħabba l-prekoċità tal-kultivazzjoni tagħha fir-rebbiegħa. Speċifikament, il-prattiki tal-kultivazzjoni huma importanti ħafna minħabba li l-kultivazzjoni (iż-żrigħ) issir fl-istaġuni tal-kultivazzjoni meta wieħed jista' jisfrutta bl-aħjar mod l-inżul tax-xita staġjonali u d-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma. Il-prekoċità tal-kultivazzjoni tar-rebbbiegħa tal-"Patata Naxou" hija karatteristika li tati valur partikolari lill-prodott fis-suq, u minħabba f'hekk hija mfittxija fil-bidu tas-sajf, meta normalment ikun rari li wieħed isib patata bikrija.

Barra minn hekk, il-produtturi tal-patata ta' Naxos, meta jkunu għadhom fl-għelieqi wara l-qligħ, jagħmlu l-ewwel għażla tal-patata sabiex iwarrbu l-elementi estranji u t-tuberi mħassrin; wara, it-tuberi jinġabru f'gods fl-għalqa u jitgħattew b'kisja tat-tiben u b'kisja oħra tal-pjanti tal-patata sabiex jiġu protetti mix-xemx. B'hekk il-perjodu tal-maturazzjoni fl-għalqa jtejjeb il-konservazzjoni tal-prodott, minħabba li dan jibbies, il-qoxra tal-patata teħxien u għalhekk issir iktar reżistenti għat-trasport, filwaqt li l-feriti superfiċjali jerġgħu jingħalqu. Dan ibaxxi wkoll il-livell ta' glikoakalojdi tossiċi.

Barra minn hekk, il-fatturi klimatiċi li jiffavorixxu l-kultivazzjoni tal-"Patata Naxou" huma l-livelli baxxi tal-umdità u t-temperatura għolja, li jimpedixxu t-taħsir mill-*Phytophthora* sp., u b'hekk jimminimizzaw it-telf dovut għal din il-patoloġija serja fil-kultivazzjoni tal-patata. Dan kollu, flimkien mal-fatturi patoġeniċi li huma rari fuq il-gżira, ifisser użu mill-inqas ta' prodotti fitosanitarji. Barra minnhekk, it-temperatura għolja flimkien mal-livell għoli ta' esponiment għax-xemx fil-gżira ta' Naxos jippermettu li ċ-ċiklu veġetattiv tal-iżvilupp tal-patata jitwal għas-sena kollha u li t-tuberi jimmaturaw b'mod eċċellenti. Fl-aħħar nett, id-differenza bejn it-termperaturi ta' billejl u dawk ta' binhar jgħinu fit-tkabbir tat-tuberi, u l-kompożizzjoni ramlija u taflija tal-ħamrija tippermetti li l-ilma jgħaddi faċilment minnha u li t-tuberi jiżviluppaw normalment b'mod uniformi u regolari.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

(L-Artikolu 5(7), tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

http://www.minagric.gr/greek/data/ΠΡΟΔΙΑΓΡΑΦΕΣ%20ΠΡΟΪΟΝΤΟΣ%20ΥΡΑΑΤ%2016%20ΦΕΒΡΟΥΑΡΙΟΥ%202010.pdf

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT